EWĠENJU BORG – IL-ĦADDIEM "QADDIS" TAT-TARZNA (1)

50 sena minn mewtu

ROBERT ALOISO / robertaloisio@gmail.com

Sa mill-bidu, Dun Ġorġ ra kwalitajiet ta' mexxej f'Ewġenju Borg

Ewġenju Borg, magħruf bħala Ġeġè, kien l-ewwel Superjur Ġenerali tal-MUSEUM, u bħal ħafna mis-soċji tal-MUSEUM talbidu kien ukoll ħaddiem tat-Tarzna. Huwa meqjus bħala l-ġebla tax-xewka li fuqha Dun Ġorġ bena l-għaqda tiegħu. Kien hu l-ewwel wieħed li ħareġ u fetaħ l-ewwel dar tal-MUSEUM barra mill-Ħamrun.

Kif kien kiteb it-tielet Superjur Ġenerali Victor Delicata (1927-2012), "F'din il-bijografija (ta' Ewġenju Borg) wieħed la jiltaqa' ma' mirakli u lanqas ma' ħwejjeġ straordinarji, iżda biss ħajja sempliċi ta' bniedem lajk li l-għaqda tiegħu ma' Alla kienet hekk qawwija li kien iħossha kulmin kien jitkellem miegħu jew jarah miexi." ("Ewġenju Borg P.E.P.", 1986)



Din is-sena, infakkru l-50 sena mill-mewt ta' Ewġenju Borg, l-ewwel Superjur Ġenerali tal-Museum

MILL-ISLA GĦALL-ĦAMRUN

Bin Salvatore u Carmela mwielda Mirabelli, Ewġenju Borg, jew "Ġeġè", twieled l-Isla, fi Triq id-Duluri, nhar l-24 ta' Lulju, 1886. Kien irraba' wild minn ħdax, u missieru kien jaħdem ta' piżatur id-dwana. Meta Ewġenju kellu tmien snin, il-familja Borg marret toqgħod fi Strada Rjali l-Ħamrun, ftit 'l isfel mill-Knisja ta' San Gejtanu, l-istess kif kien għamel Dun Ġorġ li kien sitt snin ikbar minnu. Fil-fatt, il-familja Preca kienet telqet mill-Belt għall-Ħamrun, xi tmien snin qabel.

Id-dar tal-familja Borg ma kinitx 'l boġħod minn dik tal-familja Preca għax kienu kważi faċċata ta' xulxin. Ewġenju Borg jgħid li meta kien għadu żgħir kien jilgħab ma' ħut Dun Ġorġ, Bertu u ma' Karmela, imma ma' Ġorġ Preca qatt ma kien jilgħab billi kien sitt snin iżgħar minnu. Iżda jgħid li kien jiftakar lil Ġorġ Preca meta kien għadu bil-qalziet qasir fil-bieb tad-dar jew il-knisja.

ŻAGĦŻUGĦ TA' QALB NOBBLI

F'żgħożitu, Ewġenju kien iħobb ħafna l-futbol u l-ħbieb. Kien il-leader ta' ħabu li kienu jiltaqgħu f'għalqa ħdejn il-Knisja ta' San Gejtanu, jilagħbu, jiċċajtaw u jpejpu qishom ċumnija. Meta kellu xi 17-il sena, u kien diġà apprentist t-Tarzna, Ewġenju xtara rota u kienet għal qalbu ħafna. Darba waħda, meta hu ma kienx id-dar, ħuh Akille, disa' snin iżgħar minnu, ħadhielu bil-moħbi u mar jiġri biha barra. Iċ-ċkejken waqa' biha u kissirhielu. Ommu kkonfondiet. "Mur ara Ġenju kemm se jirrabja u kemm se jiġġieled ma' ħuh!" bdiet tgħid bejnha u bejn ruħha.

Filgħaxija, meta Ewġenju wasal id-dar, ommu tatu jiekol u mbagħad sabitu f'mument kwiet u qaltlu, "Ġeġè, Akille ħadlek irrota... u kissirhielek," żiedet l-omm minn taħt l-ilsien. Imma minflok irrabja Ewġenju kien pront staqsieha, "Imma weġġa'?" "Le," weġbitu. "Mela ma jimpurtax," qalilha hu. U baqa' kalm bħallikieku ma kien ġara xejn. Ewġenju wera sa minn kmieni x'qalb nobbli kellu.

DIXXIPLU TA' DUN ĠORĠ

Meta Ewġenju Borg kellu xi 19-il sena, u diġà kien jaħdem it-Tarzna, iltaqa' għall-ewwel darba ma' Ġorġ Preca, li dik il-ħabta kien għadu qed jistudja għal qassis. Borg kien qiegħed ma' ħabu fl-għalqa ħdejn il-Knisja ta' San Gejtanu meta Preca talabhom sigarett u waqaf jitkellem magħhom. Poġġa bilqiegħda ħdejhom fuq ġebla u qagħad ikellimhom fuq Kristu. L-għada reġa' mar ikellimhom jew aħjar jgħallimhom fuq Alla u baqa' jagħmel dan għal ħafna ġranet.

Iżda "darba," jirrakkonta Ewġenju Borg, "kif konna hemm, dar fuqi u qalli: 'Nhar il-Ħadd, int u jien immorru passiġġata flimkien, ġib biċċa ħobż... u xi ħaġa x'tixrob.' U hekk għamilt; niftakar kont ħadt miegħi Bibbja bl-Ingliż. Morna l-istazzjon... dħalna ġo għalqa, u bilqiegħda fuq blata taħt siġra kont naqra mill-Bibbja u Dun Ġorġ joqgħod ifissirli. U din mhux darba għamilnieha. Konna ndumu siegħa u nofs, sagħtejn, u ġieli anki aktar, u mbagħad konna mmorru lura d-dar, jiena nerġa' mmur insib lil ħabi."

IL-LAQGĦA TAĦT ĦARRUBA

Fil-fatt, dakinhar kienu marru f'għalqa f'Santa Venera (li għadha teżisti: tinsab taħt l-Isptar St Philip's) u qagħdu fuq blata taħt ħarruba. Ewġenju kien ħa kopja tal-Bibbja bl-Ingliż u beda jaqra waqt li Preca qagħad ifissirlu. Laqgħat bħal din baqgħu jsiru kull nhar ta' Ħadd. Preca ma kienx dam ma beda jara f'Ewġenju kwalitajiet ta' mexxej.

Is-Superjur Ġenerali attwali tal-MUSEUM, Natalino Camilleri, jgħid li "Dun Ġorġ żgur kien ra xi ħaġa f'Ewġenju Borg sa mill-bidu għaliex kieku kif għażel lilu fost tant żgħażagħ li ltaqa' magħhom? B'xi mod ra fih forsi sens ta' tmexxija, leadership u Ewġenju kellu leadership għax il-grupp talħbieb kienu jirreferu lejh anke jekk se jorganizzaw għawma u logħba futbol. Dun Ġorġ induna b'din il-kwalità ta' mexxej, iżda induna wkoll bid-doċilità tiegħu, kien miftuħ li jilqa' l-ispirtu." (Intervista, 2016)

Inqas minn sentejn wara l-ewwel laqgħa ta' Ewġenju Borg ma' Ġorġ Preca, dan tal-aħħar sar qassis. Ewġenju beża' li kien se jitlef lil dan il-ħabib kbir, iżda kellu jkun mod ieħor.

JAQTA' S-SIGARETTI F'DAQQA

Mhux talli ma spiċċax kollox, talli fis-7 ta' Marzu 1907, Ewġenju, u sħabu krew dar b'żewġt ikmamar fejn bdew jiltaqgħu fiha kuljum wara x-xogħol u l-Ħadd filgħodu u wara nofsinhar. Meta Dun Ġorġ talab miż-żgħażagħ li ma jridx iżjed tipjip, ma kinitx faċli u b'mod speċjali għal Ewġenju li kien chain smoker u ġieli pejjep mitt sigarett f'ġurnata. Iżda Ewġenju, li kien jobdi lil Dun Ġorġ b'għajnejh magħluqa, mal-kliem ta' Dun Ġorġ, qabad il-pakkett tas-sigarett u rmieh dak il-ħin stess.

"Kien żagħżugħ bħal kull żagħżugħ," jgħid Camilleri. "Kien fumatur prim iqabbad sigaretti wieħed f'wieħed. Kellu wkoll karattru sod u sfida kien jidħlilha, bħal meta ġie biex jaqta' s-sigaretti imma anke biex imur f'raħal li ħadd ma kien jaf bih. Kien imur jiftaħ il-mużewijiet, jiġbor tfal u żgħażagħ. Irid ikollok karattru sod u Ġeġè kellu."

"MA KONNIEX NISTGĦU NORQDU BIL-LEJL!"

Ewġenju kien qed jinħakem dejjem iżjed minn ħeġġa kbira għall-apostolat. "Dik ħeġġa li kien ikollna ġewwa fina!" jirrakkonta hu stess. "Xejn ma ngħidilkom, ma konniex nistgħu norqdu bil-lejl... Kelli kamra żgħira d-dar, għalija, b'tieqa... Issema ikħal, dawk il-kwiekeb, dak id-dawl ta' qamar. X'kont inħoss, il-Bambin biss jaf! Ma nistax norqod... b'dak li kont inħoss. Alla l-imbierek kien qed jibni s-Soċjetà (tal-MUSEUM), qed isaħħaħha. Id-dmugħ kien joħroġ minn għajnejja."

Missieru kien imur iħabbatlu mal-bieb biex jorqod. "U kif tista' torqod! Jekk tħares biss lejn is-sema kont tibki bil-ferħ! Dak spirtu! Ma konna nibżgħu minn xejn. Id-dinja għamilnieha tagħna. Dun Ġorġ kien tana l-isem ta' appostli. Dak il-ferħ, dik il-ħeġġa li kellna. Tal-għaġeb kemm kienet kbira... Ħaġa waħda kellna f'rasna – li nħobbu 'l Alla u nxandru t-tagħlim ma' kulħadd."

KARATTRU SOD

Il-kelma perswaživa ta' Dun Ġorġ kienet kulma jmur trawwem karattru sod fiżżgħażagħ imseħbin filgħaqda tiegħu. Kienu jissaħħu dejjem iżjed fil-fehma li jgħallmu, jagħmlu l-ġid u jieqfu lill-ħażen. Ewġenju, li soltu joqgħod lura għax kien ta' natural ġwejjed, beda jirbaħ lilu nnifsu u jikkorreġi fejn ikun jenħtieġ.

Darba kien għaddej minn ħdejn id-Dwana, il-Belt, u sema' kuċċier tal-karozzin jidħi. "Tkellem sew, sieħeb," qal Ewġenju lil dak ir-raġel li kien jidher b'saħħtu u tal-ġlied. "X'ħedt?" staqsa dak, taparsi ma fehmux. "Għedtlek tkellem sew!" tennielu Ewġenju. "X'inhu?" reġa' għamilha tal-iblah il-kuċċier. Allura Ewġenju għajjatlu waħda f'widintu, "Tkellem sew!!" Il-kuċċier bħal instamat u kutu kutu qallu, "Kollox sew, sinjur." L-imħabba għas-sewwa kienet timlieh bil-qawwa biex jegħleb kull tfixkil.

SUPERJUR ĠENERALI TAL-MUSEUM

Dun Ġorġ għażel lil Ewġenju Borg bħala l-ewwel Superjur Ġenerali tas-Soċjetà tal-MUSEUM, għażla li ġiet konfermata b'elezzjoni missoċji fl-1926. L-Editt tal-Arċisqof (1997) jgħid li Ewġenju kien l-aktar membru fidil ta' Dun Ġorġ, doċili u li kien josserva r-Regola. Kien bniedem ta' talb u devot kbir tal-Ewkaristija. Minħabba f'hekk, hu kien miżmum bħala eżempju ħaj ta' kif għandu jkun membru tal-MUSEUM. Min-naħa tiegħu, Dun Ġorġ kien iqisu bħala dixxiplu fidil u, fl-assenza tiegħu, ġieli wkoll faħħar il-qdusija tiegħu.

Is-Superjur Ġenerali attwali jgħid li Ewġenju "kellu wkoll l-appoġġ tassoċji għax għalkemm kien għażlu Dun Ġorġ, il-Fundatur ried li ssir elezzjoni biex jintgħażel Superjur Ġenerali u bla dubju s-soċji għażlu lilu. Jiġifieri kellu l-appoġġ. Iżda kellu wkoll soċji li ma kinux jaqblu miegħu u kienu jagħtuh żmien diffiċili, iżda qatt ma naqqas mill-imħabba tiegħu lejn is-Soċjetà u lejn is-soċji."

QDUSIJA U UMILTÀ

Is-Superjur Abel Giglio (1931-2012), kiteb hekk fuq Ewġenju Borg: "Niftakar darba ltqajt mal-ewwel Superjur Ġenerali wara ħass ħażin serju u qalli b'ċerta kalma u paċi fuq wiċċu: 'Kont se nara lil Ġesù imma reġgħet daret.' Ewġenju Borg kellu wiċċ mislut samrani, rasu tonda, għajnejn bojod bħas-silġ u l-ħabba ta' lewn griż kważi trasparenti. Kulmeta kien jitkellem fuq Ġesù leħnu kien ikun donnu jitriegħed, donnu jhennik; daqqa jkun qawwi, daqqa ġentili u wara li tisimgħu dejjem tgħid: 'Kellimni Ġesù.' (Kalendarju MUSEUMin, Awwissu 1991)

Giglio jirrakkonta episodju li juri l-qdusija ta' Ewġenju Borg u kemm ma kienx jaħseb li hu xi ħaġa kbira. Darba, waqt lezzjoni fl-Isla, lis-soċji tal-MUSEUM qalilhom, "Agħtuni prova li s-Soċjetà (tal-MUSEUM) Alla qiegħed imexxiha." Is-soċji bdew ifaqqgħu r-risposti iżda Borg ma deherx sodisfatt. Fl-aħħar, qabeż u qalilhom, "Kieku Alla mhux imexxi s-Soċjetà, kieku għażlu lili bħala Superjur Ġenerali?"

FTUĦ TA' DJAR ĠODDA TAL-MUSEUM

L-oqsma tal-MUSEUM bdew bil-mod il-mod jitferrxu ma' Malta. Ewġenju mar kemm-il darba jiftaħ xi qasam ġdid, u ħafna drabi kien jagħmel hekk waħdu. Kellu fiduċja kbira f'Alla u l-gost tiegħu kien li jkabbar is-Soċjetà tal-MUSEUM. Il-MUSEUM tal-Furjana, ngħidu aħna, kien hu li fetħu fl-1911, fi Strada Nuova Numru 3. It-tfal tal-post kienu tassew imqarbin u l-qasam fetħu waħdu għax beża' jibgħat lil ħaddieħor magħhom. Kien post b'kamra waħda u kien ilaħħaq mat-tagħlim billi jgħallem klassi, jibgħatha u jdaħħal oħra flokha. Darba kellu wġigħ ta' ras jaqsam, u wara l-lezzjoni bagħat lil kulħadd 'il barra u telaq.

It-tfal tant xtaqu li Ewġenju jibqa' magħhom li baqgħu sejrin warajh sal-Bieb tal-Bombi!

Meta s-Superjur Ewġenju kien imur jgħallem Marsaxlokk, il-Ħadd filgħodu, xi tfal kienu jistennewh ġej ħdejn il-Knisja ta' San Pietru. Hu kien jibda jdoqqilhom ilqanpiena tar-rota li kien jiġi biha u ħafna tfal kienu jinġabru u jifirħu bih. Darba tant ferħu bih u għajtu li meta daħal il-Knisja Parrokjali biex jgħallimhom kif kien soltu tiegħu, it-tfal baqgħu deħlin warajh bl-istorbju. Il-Kappillan Busuttil, li kellu temperament nervuż, bagħat lil kulħadd 'il barra u dakinhar Ewġenju kellu jitlaq lura bla ma għallem littfal. Meta xjaħ, kulmeta kien imur Marsaxlokk kien jirrakkonta kif darba l-kappillan kien keċċieh mill-knisja bittfal b'kollox!

IŻ-ŻMIEN TAL-PROVA

Fil-bidu, mhux kulħadd fehem x'ried jagħmel Dun Ġorġ u kien hemm min fehmu ħażin. Il-Bibbja u t-teoloġija f'idejn lajċi ħaddiema kienet ħaġa ġdida f'Malta Kattolika u kienet wisq aktar ġdida li dawn illajċi joħorġu fit-toroq u l-pjazez ixandru l-Vanġelu lil kulħadd. Għalhekk, meta lkelma waslet f'widnejn l-Isqof, li grupp ta' żgħażagħ kien qed jiltaqa' regolarment biex jitkellem fuq Alla, ilbiża' ma setax jonqos.

Bejn l-1914 u l-1915 bdew jidhru fil-ġurnali artikli kontra l-MUSEUM mimlijin dispreżz u inġurji. Dun Ġorġ impona fuq il-membri tiegħu il-"vot tal-manswetudni" li bih intrabtu li jaħfru mill-qalb lil min ikasbarhom u kien jinsisti magħhom biex "iħobbu d-disprezzi" u ma jħallux li dawn itellfulhom il-paċi ta' qalbhom. F'Marzu 1916, wara r-rapporti li waslulu, l-Arċisqof il-ġdid Mawru Caruana fetaħ inkjesta fuq is-Soċjetà tal-MUSEUM. F'din l-inkjesta kienu telgħu jixhdu Dun Ġorġ u numru ta' kappillani u saċerdoti. Fl-aħħar fażi tal-inkjesta kienu telgħu jixhdu ż-żewġ Superjuri Ġenerali. Borg xehed fil-5 ta' Mejju 1916.

Lit-twajjeb ħaddiem tat-Tarzna sarulu l-istess mistoqsijiet li kienu saru lil Dun Ġorġ Preca. Borg ikkonferma l-istqarrijiet tal-Fundatur tal-MUSEUM. Dan huwa l-verbal sħiħ tax-xhieda ta' Borg, l-iqsar wieħed fl-Inkjesta kollha: "Il-Ħdax-il Sessjoni, 5 ta' Mejju 1916. Jidher Eugenio Borg mill-Ħamrun, Superjur Ġenerali tal-MUSEUM, li taħt ġurament se jixhed. N.B. Dan ikkonferma dak li qal Dun Ġorġ Preca fid-depożizzjonijiet diversi tiegħu."

L-IKTAR SOĊJU GĦAL QALB DUN ĠORĠ

Is-Superjur Natalino Camilleri, jgħid li, "Ewġenju Borg bħala l-ewwel Superjur Ġenerali jiena ma ħaqtux, jiena twelidt ftit snin qabel ma miet hu... Iżda kellmuni ħafna dwaru u dejjem laqatni għax naħseb veru kien is-soċju l-iktar għal qalb Dun Ġorġ. Jiena fih nara lil xi ħadd li qabad u fehem kif l-ispirtu l-kariżma ta' Dun Ġorġ għandu jingħex. Filpersuna tiegħu, fil-mod kif kien iġib ruħu u f'dak li kien jgħid kont tista' tħoss u tara li hu kien l-iktar li fehem dak li xtaq Dun Ġorġ u kien kapaċi jgħixu."

"Żgur li kien hemm ħbiberija profonda bejn Dun Ġorġ u 'Ġeġè', għax is-soċji hekk kienu jafuh, għalkemm b'rispett kienu jsejħulu 'is-Superjur Ewġenju Borg'. Sa mill-bidu nibtet u kibret ħbiberija profonda bejniethom. Ma għamel xejn straordinarju Ewġenju Borg wara kollox kien jgħix fiddell ta' Dun Ġorġ, allura Dun Ġorġ kien li jiġbed l-ammirazzjoni u l-attenzjoni tan-nies, iżda fl-istess ħin għamel ħafna. Li għamel kien, li inkarna l-ispirtu ta' Dun Ġorġ f'ħajja ta' lajk, ta' ħaddiem, ta' soċju tal-MUSEUM."

MA RIEDX UNURI

Meta Ewġenju Borg kien ilu 50 sena jaħdem għall-ġid tal-Knisja f'Malta, fl-1958, l-Arċisqof Gonzi li kien Ruma għamel talba lis-Santa Sede biex Borg jingħata d-dekorazzjoni "Pro Ecclesia et Pontifice" (P.E.P.), unur li jingħata lil min juri fedeltà u jwettaq ħidma bla heda lejn il-Knisja u l-Papa. Din it-talba ntlaqgħet mill-ewwel u kif Gonzi wasal Malta, nhar it-23 ta' April, fil-Qasam Ċentrali, fil-preżenza ta' Dun Ġorġ u tas-soċji kollha, libbes il-midalja bl-unur lis-Superjur Ġenerali u ppreżentalu d-diploma. Iżda dakinhar, Ewġenju Borg deher li ma ħax gost b'dak l-unur u aċċettah biss f'isem il-MUSEUM. M'għaddiex wisq żmien li din il-midalja irregalaha lis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu.

DOKUMENTARJU ILLEJLA

ILLEJLA, fis-7.30 p.m. fuq TVM2 se jixxandar dokumentarju fuq il-ħajja ta' Ewġenju Borg, bl-isem meħud minn fraži li kien qal hu stess: "Id-Dinja għamilnieha tagħna". Id-dokumentarju huwa xogħol ta' Roberto D'Amato, student tal-MCAST u membru tal-MUSEUM.